Mozzjoni

Proposta biex f'Ħ'Attard tiġi implimentata veloċita massima ta' 30 km fis-siegħa fit-toroq kollha residenzjali (dawk taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill Lokali).

Dan l-aħħar il-Parlament Ewropew approva r-rapport Koch dwar is-sigurta fit-toroq. Tali rapport jagħmel proposti biex jinċentiva l-mixi, l-użu tar-rota u t-trasport pubbliku. Il-veloċita tal-karozzi hija miżura importanti li tista' taffettwa pożittivament is-sigurta fit-toroq l-aktar użati minn nies kuljum.

Għadna lura ħafna fejn jidħol l-użu tar-rota għal vjaġġi ġewwa Ħ'Attard stess. Il-Kunsill beda jieħu xi passi billi wasal biex jinstalla 'bicycle racks' f'xi postijiet. Ħafna persuni ma jħossuhomx komdi jużaw ir-rota jew jimxu minħabba t-traffiku. Huwa wkoll fatt li xi toroq għandhom bżonn jiġu ridisinjati peress li huma dritti u twal, tali mod li jħajjru veloċita għolja.

Huwa fatt magħruf li l-veloċita fit-toroq twassal biex in-nies iħossuhom skomdi jużaw t-toroq. 5% tal-persuni li jintlaqtu minn vettura miexja b'32 km/h jmutu, mentri b'veloċita ta' 48 km/h, 45% imutu. 85% tal-persuni milquta minn vettura miexja b'64 km/h jmutu (SafetyNet, 2009). Ir-relazzjoni bejn il-veloċita u l-fatalitajiet hija ċara. Għalhekk huwa essenzjali li nbaxxu l-veloċita massima permessa f'toroq residenzjali.

Bħala pass biex it-toroq isiru aktar sikuri l-Kunsill jirrisolvi li l-veloċita massima fit-toroq kollha residenzjali għandha tkun ta' 30 km fis-siegħa u titlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex tapprova fi żmien xahar mil-lum l-implimentazzjoni ta' din id-deċizjoni.

Proposta minn: Ralph Cassar

Sekondatur: [signature]